Complete 5.6

# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

UNIVERSITY LIBRARY

BĦAL MISSIER JITGĦAXXAQ B'ULIEDU L-MAĦBUBA
JITGĦAXXAQ IL-MALTI BIL-KITTIEBA Ż-ŻGĦAŻAGĦ

**Il-Ħames Sena** **Marzu 1935** **Għadd 49**

Mitbugħ fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

// LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

MARZU 1935 ] IL-ĦAMES SENA [ Għadd 49

# INĦOLLU L-JASAR TAL-KITBA

Aktar minn tfixkil wieħed jiltaqa' miegħu l-kittieb tal-Qorti li jrid il-lum jikteb bil Malti dak li sal-bieraħ kien jinkiteb bit-taljan, u mhux dejjem jaf jeħles minn dan it-tfixkil. Minn zewġ għejun l-akt r li ġej it-tfixkil. L-ewwel għajn hi l-lsien il-Malti n-nifsu li għad ma għandux fih il-ħeħa li tista' ddawwru u tħaddmu kif trid. Il-ħajja tal-Malti, bħala lsien il-kitba, għadha ħajja qasira, ftit iżjed minn mitt sena, u f'dawn il-mitt sena l-Malti qatt ma seta' jidħol fejn jidħlu nies it-tagħlim. Għalhekk jekk il-Malti għandu l-qawwa tal-ħajja ħedmija, ma għandux il-qawwa tal-ħajja għilmija. It-tieni għajn hi d-drawwa qadima ta' nies il-Qorti jiktbu u jaqraw dejjem kitba taljana, kitba ta' għamla waħda, li, bħala wirt għażiż, tgħaddi minn nisel għal nisel, bla ma titbiddel qatt nikta minnha. U l-moħħ jidra, u l-ħsieb jieħu s-sura li jagħtih il-moħħ.

Ma' dan it-tfixkil inżidu l-fehma tal-kittieba li jaħsbu li l-kitba Maltija, tista' jew ma tistâx, għandu jkollha l-għamla tal-kitba taljana, kelma b'kelma. Bosta drabi jħoss il-kittieb lilu n-nifsu mxikkel, ma jistâx jimxi, iżda ma għandux ħila jħoll ix-xkiel, billi jagħti għamla oħra, għamla aktar Maltija, lill-kitba tiegħu. Minn dan jiġri li l-Malti fil-kitba tal-liġi jsir bħal libsa rqiqa li tistor ftit u tħalli mikxuf ħafna mis-sura l-qadima ta' dik il-kitba.

Infissru aħjar x'irridu ngħidu. Ilu ftit ġiet f'idejna din il-ktiba mill-Qorti :

> ........ *in risposta għal-ittra ufficiali ta... ta dan ix-xahar, javżak illi hua ma jaccettax l'aument tal-chera tal fond....*
>
> *Il mittent jinterpellak biex tgħamel l'ispejjes tar-riparazioni skond il pattijet tal locazioni u biex t'ispurga l'ilma mil bir għaliex jinten.*

Kitba bħal din, u mijiet oħra ta' qatgħa waħda bħalha, li ma tafx b'liema lsien hi miktuba, tagħmel għajb lit-taljan, għajb lill Qorti u għajb lill-Malti. Dan it-tjassir ta' kitba jidhrilna li għandu jinħall. Il-kittieb għandu jqis biss dak li jrid jikteb u l-lsien li bih irid jikteb. Għandu jqis l-ewwel nett li jfisser ħsiebu tajjeb, li jista' jiftiehem bla tfixkil; it-tieni jqis li jfissru kemm jista' jkun kif jitlob il lsien Malti, li għandu liġijiet għalih in-nifsu, bħalma għandu kull ilsien ieħor. Nerġgħu nħarsu lejn il-ktiba li ġibna fuq. Kieku flok : *tagħmel l-ispejjes tar-riparazjoni*, il-kittieb qal : *tagħmel u tħallas it-tiswijiet*, ma kienx ikun eħfef, isbaħ u aħjar ? U jekk ma sabx kelma Maltija biex ifisser il-kelma taljana : *mittente*, ma setâx, flok ma jibqa' mjassar ma' din il-kelma, jeħles minnha, iħalliha barra għal kollox u jgħid : *javżak... u jinterpellak* ? U kieku flok : *in risposta* kiteb : *iwieġbek u jgħarrfek*, ma kienx ikun bil-wisq aħjar ? Bħalma għidna fuq, il-Malti għad ma għandux il-ħeffa li tista' tħaddmu kif trid int, u għalhekk il-kittieb tal-Qorti għalkemm jista' jkollu fehma u rieda tajba, għalkemm jista' jkun imħarreġ fil-kitba, ma jistâx għalissa jeħles mit-tfixkil kollu. Imma, jekk irid, ħafna tfixkil jista' jeħles minnu, billi jaqta' r-rbit li jżommu mjassar ma' kitba barranija. U aktar jonqos it-tfixkil, aktar ma jitħaddem b'kull għamla ta' kitba l-lsien Malti.

Nafu li dħalna f'dar ħaddieħor fejn ma għandniex jedd nâmru. Imma nkunu nonqsu lejn dmirna jekk ma nitkellmux u ma nurux fehmitna, bħal ma dejjem għamilna f'kull ma jmiss il-Malti.

# XIĦ U XIĦA

Fis-sebħ għal xi tmienja Ċikku Ħela-flusu, raġel xiħ ta' ma' dwar is-sebgħin, kien q'ed jieħu l-kafè f'daqxejn ta' nofsija wiesgħa mhux ħażin. Kien xiħ Ċikku Ħela-flusu; imma f'dirgħajh kien għadu sħiħ u mhux inqas sħiħ, għalkemm zopp, f'riġlejh. "Tarax" kîen q'ed igerger waħdu, "li kieku dik it-tomna raba saqwi qabbiltha s-sena l-oħra, kien ikun jaqbilli, għax kieku daħħalt żewġ liri qbiela, u mhux issa qajla sa ndaħħal għoxrin skud tal-qara kollu. Ajma j'ommi l-aktar jekk tagħmel xi burraxka silġ, indaħħalhom l-għoxrin skud. Dik ix-xitan ta' marti taħti li għam-newwel ma qabbilthiex lil Kalanġ tal-Boqboq. Ja magħarrqa ta' mara trid lili naħdem; għandha tkun ħasbitni xi bagħal tas-sienja lili. Imma, jabbni, minn fuq għadamha nitħallas għax ma natihiex x'tonfoq; ħalli ma ssajjarx tisjir. B'li ddaħħal mill-bajd biss tibqa." "U x'int tgerger, qaddisek?", qabżet f'daqqa martu, Wenez il-Ħamramana, li kienet qed tissammagħlu, u li dik li żżomm il-flus tal-bajd biss ma niżlitilhiex, "narrak tara x-xemx bil-lejl, iva dejjem tarmi s-sħati ! Ħalli minn idejk, ħa ngħidu tat-tmienja, ja mgħallaq ma' tibna ! għax żgur ħżunitek ġibitna f'dan il-għaks. Ħarrek, ixrob il-kafè li baqagħlek !...

U Ċikku Ħela-flusu, hawnhekk taha daqqa ta' għajn minn taħt, u bil-fond tal-kafè mbeżlek ma' lħitu, daħaq daħqa ta' ħatba ħażina li ma kontx tobsorha fi bniedem ta' sebgħin. Iż-żewġ sinniet sofor u maħmuġa li kienu baqgħulu mdendlin waħda mal-ħanek ta' fuq, l-oħra mal-ħanek ta' isfel, intlwew mat-tarf ta' lsienu, imbagħd iltaqgħu flimkien u f'qilla ta' għatx u ta' gdim, theżżu ma' xulxin. U minn bejniethom ir-ruħ ta' Ċikku, iċċaqalqet, u bezbżet xi erba' kelmiet. Ħa !... ħa!... ħa!... intom in-nisa tridu tixtru l-ġenna bid-daħq fil-wiċċ... ħa! ħa! ħa! intom is-saħta tad-dinja... ġerħa f'sider l-irġiel ; u int ja ħaxixa ħażina, li kont għadni fl-aħjar tiegħi inqaċċtek il-barra bis-saqajn, u, b'inkejja tiegħek, kont nieħu waħda oħra mqar kienet sewda daqs dik il-ħatba ta' ommok, narra x-xjaten igħarrquk fl-infern... għax, int taħti li dan il-qara sa jibqa' ma' wiċċi.

Wenez bil-kemm ma tħajritx tvenvinlu daqqa fuq rasu bl-imselħa li kellha f'idha, imma biex ma ġġibhiex bi kbira raddet is-salib biex tgħid tat-tmienja, u, "Ħalli minn idejk, Ċikk" qalet lil żewġha, ngħidu tat-tmienja, forsi l-qara ma tafx kif jogħla". Ċikku qabillu dan il-kliem; qalbu ħliet biex igħid tat-tmienja ma Wenez. "Għax kos !" ħaseb hu bejnu u bejn ruħu "ma tafx kif il-Bambin igħollili l-qara, mbgħad tat-tmienja f'ħames minuti tgħidha."

Wenez irħiet l-imselħa minn idejha u bdiet it-talba tat-tmienja :

"*Anġli u domni jnzjovit Marija*" imbagħd urajha wieġeb Ċikku taparsi għodban "*Konċettu u l-ispirtu s-santu.*" Hawnhekk Wenez donnha għadha thewden fuq kliem żewġha, melset ftit fellus żgħir li kien jiġri wara d-dubbien fejnha, sa ma mbgħad wieġbet: "*U ċenċlinna d-domni, et birbinkoru faktum ist*" Ċikku wkoll donnu nesa li kien q'ed jitlob, laqqat l-aħħar ftieta min-nofsija u wara li belagħħa ftakar li kien imiss lilu jwieġeb u mgħaġġel mgħaġġel, *tabita nostra in nobis*" qal, u bi ftit avemarijiet għalqu t-talba tagħhom. U mbgħad ħass f'qalbu x'jgħidlu li issa l-qara kellu jogħla, sa ma tajjar ftit mill-buri li kellu.

"Ara li għal nofs-in-nhar tkejjilli żingla tisjir sħun, u qis li jkun immerraq, għax jien sejjer sal-belt."

* * *

Il-bogħod mir-raħal tiegħu Ċikku, fuq karrettun nofs ħajja kollu mkisser, roti mżarġna, miġbud minn ħmara xiħa, imdawra bid-dubbien kien għaddej minn waħda mit-triqat tal-belt l-iktar maħnuqa bin-nies. Ċikku ma kienx jaf fejn jagħti rasu; dawk in-nies kollha ħadulu moħħu; għax kos! fir-raħal tiegħu, ħlief nhar il-festa tal-qaddis ma hux la kemm tara nofs dawk in-nies. "Jekk nasal id-dar b'għadmi sħiħ kollox sewwa" qal Ċikku Ħela-flusu fil-waqt li xejjer l-iskuljata għal fuq il-widnejn imdendla tal-ħmara "ara kemm hawn x'tara" kompla jgħid, "u n-nisa tal-belt, skumnikati li huma, kemm huma sbieħ... ara dik, wiċċ il-ħawħa, u fomm il-lariņġ, x'għajnejn ħelwin għandha kif serqitli qalbi ja mgħarrqa li hi. Dik sabiħa u mhux Wenez tiegħi wiċċha, wiċċ il-qoxra tal-lumija mitbiela" U għal siegħa sħiħa baqa' jhewden fuq il-kobor tal-bini tal-belt, fuq il-għadd bla tarf tal-krarez tan-nar u roti, fuq il-baħrin fis-sakra, u fuq ħafna ħwejjeġ oħra. U l-ħmara miskina b'nofs għalf, baqgħet miexja b'rasha lejn l-art, qisha kienet taħseb fuq il-bluha ta' sidha. Ma kellhiex xi jrossha, għalhekk setgħet terħi l-pass kemm riedet, għax Ċikku Ħela-flusu kien ħsiebu fil-ħwejjeġ sbieħ u kbar ta' madwaru. Għadda b'ħalqu miftuħ minn ħada palazz sabiħ, kbir, u għani; u qalbu nkisret x'ħin ftakar fl-għorfa żgħira tiegħu, fqira, u bla ħajr. U mexa mexa tul it-trieqat tal-belt, dejjem il-quddiem qalb l-għagħa tan-nies, sa ma f'kantuniera lemaħ imwaħħla bħal tagħrifa miktuba bl-ingliż li kienet tgħid hekk: "*Drivers must keep to the left*". Ċikku kien jaf jaqra ftit bil-Malti ħażin ħażin; u b'għajnejh imberrqa, "x'għaġeb ta' għerf", qal, "in-nies tal-belt sa fuq il-ħitan iwaħħlu l-ittri." Imbgħad ta s-salt biex jaqraha u mit-tagħrifa kollha deherlu li fehem il-kelma *left* biss. "Tarax" qal hu, "il-Malti tan-nies tal-bliet ma tifhmux kollu għax fih ħafna għerf mhux bħal tagħna.

"Tal-belt kollox għandhom sabiħ sa l-ittri li balleċ! ma nafx kif ma nistax naqrahom kollha. Hu x'inhu milli nara, dawn l-ittri jgħidu li hawnhekk hawn xi *lift*. Tajba l-biċċa, ħej; mela hawnhekk xi mkien fil-qrib, hawn dik l-imbierka ta' kaxxa magħluqa li titla, u tinżel f'gaġġa twila twila bejn il-ħadid. Issa naraha, ħej kif jien hawn." U ġibed għal fuq in-naħa tal-lemin. "Harrà, ja ġifa" għajjat mal-ħmara għajjiena "Harrà ja..." Imma hawn f'daqqa waħda ra pulizija ma wiċċu u ħass imsarnu f'saqajh. "Tini ismek", qallu dan b'leħen imqit. "Ma x'għamilt jien, sinjur"; beka Ċikku mdaħħal f'qo-xortu "kont sa nara l-lift sinjur u xejn iżjed!" "Ismek in-kella nieħdok l-għassa," għajjat il-pulizja. U Ċikku mbeżża' tah ismu.

* * *

Ċikku Ħela-ħusu erbat ijiem wara sab ruħu l-qorti quddiem il-maġistrat bħala ħati.

Raġel qasir, botni, li Ċikku ma kienx jaf x'ħobż jiekol, tah ibus is-salib u "aħlef u għid is-sewwa," qallu "biex quddiem Alla ssib is-sewwa." Ċikku twerwer u saqsa lilu n-nifsu jekk kienx xi darba għamel xi delitt bla ma jaf; jekk setagħx xeħet xi minġel għal ras xi ħadd, forsi f'xi ħmar il-lejl!... "Ma naf li għamilt xejn", qal Ċikku. "Slaleb, qorti, maġistrati, pulizija u dan kollu għal fejn?"

Imbgħad dar lejh il-maġistrat "Sur Franġisku Xiberras inti tinsab ħati talli ma żammejtx max-xellug int u ssuq il-ħmara u b'hekk ma ksirt it-tagħrifa tal-Gvern li tgħid li d-*Drivers must keep on the left*", "Ħa ngħidlek sinjur" wieġeb Ċikku, qisu f'dinja oħra, "biex ingħidlk, dawk l-ittri qrajthom, u kont naf li hemm xi *lift* fil-qrib, imma qatt ma bsart li ma stajtx immur narah. Għax biex ingħidlek, jien din il-kelma "lift" fhimtha, imma l-oħrajn ma stajt nifhem xejn minnhom. Għalhekk sinjur, aħfirli; nitolbok bil-ħniena u nwegħdek li f'għomri kollu ma nħaresx lejn il-lift iżjed." Il-maġistrat tberraq lejh bl-ikraħ; ħaseb li qed jidħaq bih "għax" qal f'qalbu "in-nies tar-rħula jgħadduk biż-żmien bħalkieku xejn." Għalhekk kollu mbaqbaq dar lejn l-imsejken Ċikku u qallu: "Ħares, ara kif twieġeb lill-maġistrat, għax issib ruħek il-ħabs malajr. U talli mexxejt ħażin int tinsab imwaħħal ħames xelini"

Ċikku baqa' miblugħ għall-kliem tal-maġistrat bil-kemm ma riedx jibki. "Ħames xelini", gerger f'qalbu wara li l-qara ma ġieb xejn... dalwaqt nisfa bla ħabba, x'waħda ġratli.... żgur Alla laħaqni talli naħqar lill Wenez!.... Wenez tiegħi!... Wenez ta' qalbi... aħfirli jaħasra għax għal ftit ma tliftekx għal kollox lilek u l-ħmara.... U telaq izappap il-barra bil-qalb it-tajba.

Dak il-ħin biex itaffi d-dwejjaq, minn taħt ilsien, għanna din il-għanja mqabbla malajr.

Din tal-lift ħallastha qares,
Ix-xitan żgur ried igħabbini;
Ġagħalni ħej! naħlef is-sewwa
Biex weħilt ħames xelini!

Igħidu li dak in-nhar Ċikku Ħela flusu u Wenez issielmu u li b'turija ta' ħbiberija mġedda Ċikku bies lil martu taħt ilħitha, u li Wenez, qisha għarusa ġdida bieset għat-tieni darba f'ħajjitha lil żewġha niedem fuq it-tarf ta' mnieħru.

U Ħela flusu ma raġa mar qatt iżjed il-belt.

Ġużê Aquilina

# IL-MIŻIEN

Alla qiegħed miżien f'idejn il-bniedem
—miżien maħdum b'sengħet-is-sema—u qallu:
"Poġġi f'keffa s-salib u fl-oħra s-sabar,
u ħares lejh bl-imħabba: issib il-hena.
Il-bniedem, kburi, ħażżen għaqlu u qalbu:
neħħa s-sabar mill-keffa l-leminija
u qiegħed 'il pjaċir. Issa mid-dinja
ħarab il-hena; u dak il-għaref ibleh,
li b'idu xattar il-miżien tas-sema,
q'ed iħares mifxul madwaru u jibża':
irid kieku bil-kliem, bil-wegħdi jgħabbar
dawk l-imberkin ta' kefef; iżda oh ħasra!
dak il-miżien li fis-smewwiet inħadem
għal l-amar tas-smewwiet biss jaf iwieġeb.

Dun Karm

13/2/35.

# IL-GAZZETTA TAL-GVERN
# 1813-1840

(MINN ĠUŻÈ GATT)

*Lill-ħabib tiegħi Ninu Cremona, l-ewwel Traduttur u Editur tal-Lsien Malti fil-Gazzetta tal-Gvern, dan iċ-ċkejken xogħol tiegħi, b'ġieħ u qima lilu nagħti.*

## KELMTEJN LILL-QARREJJA

Għal l-ewwel il-ħsieb tagħna kien li niktbu Ġrajjiet il-Gazzetta tal-Gvern mill-bidu tagħha sal-lum. Iżda wara ħsibna li aħjar din il-Ġrajja nwassluha biss sal-1840. Għamilna dan il-ħsieb, għax, l-aqwa ta' Ġrajjietha, kien iż-żmien ta' bejn l-1813 u l-1840. B'dan kollu, jekk naraw li din il-Ġrajja tingħoġob, il quddiem, meta nkunu nistgħu, nwassluha sa fi żmienna.

Ma' Ġrajjiet il-Gazzetta, bi ħsiebna usemmu wkoll xi ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' l-Istamperija tal-Gvern. U dan sa nagħmluh, billi sew il-Gazzetta, kemm ukoll l-Istamperija, mill-1813 il hawn, dejjem imxew id f'id u qattgħu ħajjithom flimkien.

---

Il-Gazzetta tal-Gvern hi l-ixjeħ Folju fost dawk il-Gazzetti li għandna joħorġu f'Malta l-lum. Dan il-Folju ilu joħroġ, bla ma qata' xejn, mal-122 sena. B'dana kollu, wieħed ma għandux jaħseb li hi kienet l-ewwel Gazzetta li ħarġet fi Gżiritna. Qabilha dehru Gazzetti oħrajn. L-ewwel Gazzetta li Artna l-għażiża rat il-ħruġ tagħha, kien fiż-żmien ta' meta l-Franċiżi ħakmu fuq Malta. Din il-Gazzetta, li dehret fl-1798, kienet b'żewġ kolonni, f'waħda ġġib kitba bil-franċiż u fl-oħra t-tifsir ta' dan bit-taljan. L-isem tagħha kien *Journal de Malte.* Iżda dan il-Folju ftit kellu ħajja. Il-ħruġ tiegħu wasal sal-għaxar għadd biss. Il-ħtija tat-tmiem tiegħu kienet il-qawma u r-rewwixta tal-Maltin għall-Franċiżi.

Tliet snin wara li Malta għaddiet għal taħt il-Ħakma Ingliża, ħarġu zewġ Folji bit-taljan. L-isem tagħhom kien *L'Argo* u *Foglio d'Avvisi.* Il-ħajja ta' dawn kienet ukoll qasira bħal ta' l-ewwel Gazzetta li dehret f'Malta, għax, wara ftit għadd, ma ħarġux iżjed. Warajhom ħarġu tnejn oħra, bit-taljan ukoll. L-isem tagħhom kien *Il-Cartaginese* u *Gazzetta Straordinaria.* Il-ħajja ta' dawn kienet mhux ħażin, billi damu jidhru masseba' snin.

Id-daqs ta' dawn il-Gazzetti, sew mit-tul, kemm mill-wisa', kien qiesu daqs dan il-Qari *Leħen il-Malti.* Targa', dawk l-er-

bgħa li ħarġu fi żmien l-Ingliżi, kienu iċken minn dik il-Gazzetta li ħarġet fi żmien il-Franċiżi.

F'Jannar tal-1812 ħareġ Folju ieħor b'sura u għamla ta' Gazzetta aktar mill-oħrajn kollha li dehru qablu. Tarġa' dan, fil-kobor, kien imdaqqas mhux ħażin. Id-daqs tiegħu kien ta' darbtejn akbar mill-oħrajn. Dan il-Folju kien bit-taljan, u ħareġ taħt l-isem ta' "Giornale di Malta". Il-ħruġ u l-kitba tiegħu kienu taħt il-ħsieb u t-tmexxija ta' Vitor Barzoni u Ġużê Casolani. Dan ta' l-aħħar kien Malti, iżda Barzoni kien Taljan.

Bħalma jaf kulħadd, fil-gwerra l-kbira li saret fi żmienna, il-Ġnus kollha kellhom l-aqwa kittieba magħhom. Dawn kienu mħallsa bil-flus it-tajba minnhom. Ix-xogħol ta' dawn kien, biex, bil-kitba tagħhom, igħinu lil dawk il-Ġnus li kienu jħallsuhom u, kemm jistgħu, juru ikraħ il-għadu tagħhom. Hekk ukoll ġara fi żmien il-gwerer ta' Napuljun Bonaparti. Wieħed minn dawn il-kittieba ta' dak iż-żmien kien Vitor Barzoni li semmejna. Dan inġieb f'Malta mill-Gvernatur Xandru Ball. Ix-xogħol ta' Barzoni kien li jagħti kitba lill-Gvern li turi ikraħ kemm tista' lil Napuljun Bonaparti u lir-Repubblika Franċiża. Il-ħsieb tal-Gvern kien biex il-qarrej jibda jistkerraħhom u jsir jistmellhom. Ta' dan ix-xogħol, kif insibu fil-Manuskritt tal-Biblijoteka għadd 358, Barzoni kellu għaxar liri fix-xahar mill-Kaxxa ta' Malta. Iżda wara xi żmien, Barzoni żdied fil-ħlas, billi tawh 41 skud u 8 rbgħajja oħra fix-xahar, ma' li kellu. U dan sar, kif igħid l-imsemmi Manuskritt, b'Notifikazzjoni tas-16 ta' Ġunju 1808. Tarġa' 'l quddiem, Barzoni reġa' żdied, għax fl-1812, fiż-żmien li kien joħroġ il-*Giornale di Malta*, insibu li b'kollox kellu 183 skud u 4 rbgħajja fix-xahar. U Casolani, talli kien igħin lil Barzoni fil-ħruġ tal-*Giornale di Malta*, kellu 35 skud fix-xahar (1).

---

(1) F'din il-Ġrajja tal-Gazzetta tal-Gvern, wieħed isib imsemmija l-Iskudi, l-Irbgħajja u l-Hbub għal dak li huwa ħlas fil-Gazzetta u tal-ħaddiema fl-Istamperija. Dawn il-flus tar-ram ta' Malta, fl-ewwel snin tal-Hakma Ingliża hawn, meta kienu jissarrfu fi flus tal-fidda ingliżi, kienu jġibu iżjed milli jgħoddu l-lum. Niftiehmu sewwa. Jekk il-lum skud ingħodduh b'20 sold ingliżi, dari, fiż-żmien li semmejna, kien jiswa żewġ xellini.

Dan is-siwi fil-flus tar-ram ta' Malta, hu ta' min jistagħġeb bih. Dawn il-flus, fi żmien l-Ordni, ġie li tilfu 107 fil-mija meta wieħed kien irid jagħmilhom fidda, ukoll fi flus tal-fidda ta' Malta, fil-ħin li fi żmien l-Ingliżi saru jiswew hekk, kif semmejna.

Maż-żmien, il-flus ingliżi għolew. B'dan kollu, baqgħu jissarrfu wkoll b'anqas milli jġibu l-lum. Fiż-żmien li kien qiegħed joħroġ il-*Giornale di Malta* (1812), kull skud ta' Malta (flus tar-ram), kien qiegħed iġib ftit aktar minn 21 sold u sitt ħabbiet ingliżi (flus tal-fidda). Biex niftiehmu aħjar, nieħdu l-ħlas li kienu jagħtu lil Barzoni. Dan kellu 2200 skud fis-sena, flus ta' Malta. Jekk lil Barzoni kienu jridu jħallsuh bi flus tal-fidda ingliżi, iridu jagħtuh b'kemm jiswew £194 u 15 il-xelin tal-lum. Iżda jekk l-2200 skud wieħed irid igħoddhom kif jissarrfu l-lum, isib li dawn kienu jġibu £183-6-8 biss.

Il-flus ingliżi bdew jissarrfu daqs kemm igħoddu l-lum, kien meta ħarġet il-Proklama tad-9 ta' Ġunju 1825.

Il-*Giornale di Malta* nistgħu ngħidu li kien il-bidu ta' ħruġ il-Gazzetta tal-Gvern, ta' dik il-Gazzetta li għadha toħroġ sa fi żmienna, kif sa nuru.

Kienet l-1813, dik is-sena li Artna l-għażiża rat tiżreġ fuqha l-marda ħarxa u kiefra tal-pesta li, bil-minġel qerriedi tagħha, għamlet ħerba lil Gżirijietna, billi minn fost niesna ħasdet l-eluf: Din il-marda kienet fl-eqqel tagħha, meta f'Ottubru tal-1813 wasal fostna, bħala Gvernatur tagħna, Sir Thomas Maitland. Ftit jiem wara l-miġja tiegħu hawn, Maitland żamm il-*Giornale di Malta* mill-ħruġ tiegħu. Floku ġiegħel li jibda joħroġ Folju ieħor bit-taljan. Lil dan tah l-isem ta' *Gazzetta del Governo di Malta.* Biex jieħdu ħsieb ta' din il-Gazzetta, bħala kittieba u mexxejja tagħha, Maitland qabbad lil Barzoni u lil Casolani. U dawn baqgħu b'dak il-ħlas li kellhom ta' meta flimkien kienu joħorġu l-*Giornale di Malta.*

L-ewwel għadd tal-Gazzetta tal-Gvern deher fis-27 ta' Ottubru 1813. Wara baqgħet toħroġ darba fil-ġimgħa—kull nhar t'Erbgħa. Id-daqs tagħha kien ftit iċken minn kif inhi qiegħda toħroġ il-lum. Meta kienet tidher b'4 paġni biss, kull għadd jinbigħ irbgħajjejn; iżda meta kienet toħroġ b'aktar paġni milli semmejna, il-ħlas tagħha, biex wieħed jixtriha bil-waħda, kien jiżdied b'10 ħabbiet oħra.

Il-Gazzetta tal-Gvern ta' dari, ma kellhiex x'taqsam ma kif toħroġ il-lum. Fi żmienna ma ġġibx ħlief il-Liġijiet u dak kollu li għandu x'jaqsam mat-tmexxija tal-Ħakma tal-Gżira; iżda dari, billi hawn Malta ma kienx hawn Gazzetta oħra ħliefha, kienet toħroġ mimlija kollha aħbarijiet ta' Barra u b'xi ftit ta' Malta wkoll. Għalhekk, għal dawk il-ħwejjeġ li kien joħroġ il-Gvern, il-Kummissarjat, ecc. kienet tinħela xi paġna biss. Targa', il-Gazzetta kienet taqdi n-nies f'dak kollu li kien jinħtiġilhom iħabbru fiha dwar bejgħ u xiri ta' kull ħaġa, irkantijiet, ecc. U dan kien isir, billi wieħed iħallas xi ħaġa u jġib it-tagħrif li jkun irid.

Għalkemm il-Gazzetta kienet iġġib l-aħbarijiet li semmejna, dawn dejjem kienu jingħażlu fost dawk li ma jistgħux ikunu ta' l-ebda tfixkil għal Gvern. Targa', billi f'dak iż-żmien kien hawn iċ-ċensura għal kull ma jiġi stampat f'Malta, kull ħaġa li kellha tidher fil-Gazzetta, qabel kienet tgħaddi minn taħt għajnejn is-Segretarju Prinċipali tal-Gvern.

Il-Gazzetta kienet toħroġ mill-Istamperija tal-Gvern, fil-Palazz, fejn ukoll minn hemm biss kienet tinbigħ u titqassam lil l-imsiebin. Il-ħlas ta' dawn kien ta' 6 skudi u 6 rbgħajja fis-sena.

It-Torkju li bih bdiet tkun stampata l-Gazzetta tal-Gvern, kien dak it-Torkju li Pintu ġieb hawn fl-1756, meta dan il-Gran Mastru daħħal l-Istampa f'Malta. U b'dan it-Torkju damet toħroġ sa fi żmien il-Gvernatur Maitland.

Fl-ewwel għadd tal-Gazzetta li ħareġ, insibu mħabbra, taħt ir-ras tagħha, ordni maħruġ mill-Gvernatur. Dan l-Ordni kien igħarraf u jwissi, li dawk in-Notifikazzjonijiet u l-Avviżi Pubbliċi li jidhru f'din il-Gazzetta, b'taħthom isem xi ħadd minn dawk li kienu jagħmlu sehem mill-Ħakma tal-Gżira, kellhom ikunu miżmuma li huma minnhom, ta' saħħa, igħoddu u jiswew. Għalhekk kulħadd kellu jħarishom, billi jmejjel rasu u joqgħod għalihom, sew dawk li kienu jaħdmu mal-Gvern, kemm ukoll dawk kollha li jkunu f'dawn il-Gżejjer.

L-Istamperija tal-Gvern ma damitx wisq fil-Palazz wara l-miġja hawn tal-Gvernatur Maitlaud. Billi marad bil-pesta wieħed mis-Suldati Maltin tal-Veterani, li l-kwartier tagħhom kien fil-Palazz, Maitland ried li daru tkun battala minn kull uffiċċju tal-Gvern li kien hemm fiha. Fuq hekk, l-Istamperija nġarret mill-Palazz għal Strada Britannica, fil-Berġa ta' l-Italja, fejn il-lum hemm l-Arkivju tan-Nutari.

Għal bidu li bdiet toħroġ il-Gazzetta, bħala ħaddiema ta' l-id fl-Istamperija tal-Gvern kien hemm jaħdmu 16 il-ruħ. Dawn kienu mqassma hekk : 1 Stampatur, 7 Kompożituri u 8 Turkolieri. L-Istampatur, Nastas Decandia, kellu 45 skud fix-xahar. Mill-Kompożituri kien hemm tnejn bil-35 skud fix-xahar, tlieta bit-30 u t-tnejn l-oħra bl-20 skud. It-Turkolieri kellhom 30 skud fix-xahar kull wieħed. Tnejn mill-Kompożituri kienu Ingliżi u ieħor x'aktarx li kien Taljan, kif jidher minn ismu. Imbagħad ma dawn kien hemm ukoll wieħed bħala Direttur ta' l-Istamperija, b'50 skud fix-xahar. Dan kien Fra Ġwann Mallia. Iżda fuq kulħadd kien hemm is-Suprintendent Gavino Bonavita Champion, bi ħlas ta' 60 skud fix-xahar. Bonavita laħaq f'dax-xogħol b'Notifikazzjoni tal-24 ta' Ottubru 1803.

Mill-ħlas li semmejna ta' dawk li kellhom x'jaqsmu ma' l-Istamperija u l-Gazzetta tal-Gvern, nieħdu, li l-Editur tal-Gazzetta, Barzoni, kien imħallas b'1470 skud fis-sena aktar mis-Suprintendent ta' l-Istamperija.

Mid-dħul u l-ħruġ tal-flus li kellha l-Kaxxa ta' Malta fl-ewwel sitt xhur tal-1814, nieħdu, li mill-Istamperija l-Gvern daħħal 10,408 skudi u 3 rbgħajja, u mill-Gazzetta daħħal 3756 skud u 9 rbgħajja. Għaż-żamma ta' l-Istamperija ħareġ 7011 il-skud, 8 rbgħajja u 13 il-ħabba, u fil-Gazzetta nefaq 4098 skud, 9 rbgħajja u 10 ħabbiet.

Mela, jekk il-Gvern ġie tilef mill-ħruġ tal-Gazzetta, ġie qala' mix-xogħol li daħal fl-Istamperija. Minn din daħħal 3386 skud, u 6 rbgħajja u 7 ħabbiet iżjed milli nefaq. Dan il-qligħ, mhux biss kien jagħmel tajjeb għat-telfa ta' 642 skud u 10 ħabbiet li l-Gvern kellu mill-Gazzetta, iżda, wara li jinqatgħu dawn, kien jibqa' wkoll 2744 skud, 5 rbgħajja u 9 ħabbiet qligħ għall-Kaxxa ta' Malta.

Fl-1814 Maitland għamel taqliba kbira fid-Dipartimenti tal-Gvern. F'dawn biddel, ġedded, sewwa u naqqas jew żied in-nies li kien fihom u l-ħlas li kellhom. Fost dawn messhom ukoll sehem l-Istamperija u l-Gazzetta tal-Gvern.

Għall-Gazzetta tal-Gvern, Maitland ħalla lil Barzoni waħdu, biex, bħala Editur tagħha, jieħu ħsiebha hu, bla għajnuna ta' ħadd. Għal din iż-żjieda fix-xogħol, Barzoni ma ħa xejn, iżda baqa' bil-ħlas li kellu qabel. Lil Casolani tefgħuh banda oħra, jagħmel xogħol ieħor mal-Gvern, billi laħħquh Assistent tal-Kollettur tar-Rendita Territorjali, b'125 skud fix-xahar.

Lil Gavino Bonavita Champion, bħala Suprintendent ta' l-Istamperija. flok is-60 skud fix-xahar li kellu, Maitland tah 100 skud. U Mallia kien mitluq mix-xogħol għal kollox, waqt li fix-xahar ħallewh jibqa' jieħu, sal-mewt tiegħu, il-50 skud li kellu ta' meta kien jaħdem.

Fra Ġwann Mallia, id-Direttur ta' l-istamperija, kien qassis ta' l-Ordni. Daħal jaħdem fl-Istamperija fl-1763, meta kien għadu tfal. L-ewwel ħlas tiegħu kien ta' rbigħi (20 ħabba) kull jum. Fl-1772 laħaq flok l-ewwel Stampatur (Dun Nikola Capaci) li l-Gran Mastru Pintu kien ġieb hawn minn barra. Fi żmien il-Franċiżi sar Direttur ta' l-Istamperija, kif ukoll hekk baqa' fi żmien l-Ingliżi.

Mat-tluq ta' Mallia, ix-xogħol ta' Direttur ta' l-Istamperija spiċċa wkoll. Floku daħħlu Korrettur u wieħed li jqassam il-Gazzetta. Lil dawn tawhom 30 skud kull wieħed fix-xahar.

Wara Mallia spiċċa wkoll Vitor Barzoni. Il-ftit snin li Barzoni ħadem għal Gvern Ingliż, mar fihom tajjeb qatigħ. Barzoni, wara li spiċċa minn Direttur tal-Gazzetta tal-Gvern, telaq minn hawn bi ħlas fis-sena ta' 1129 skud, 7 rbgħajja u 4 ħabbiet, li dak iż-żmien kienu jġibu 100 lira ingliża. Dawn il-flus, lilu mħallsa mill-Kaxxa ta' Malta, dam imexmixhom sakemm miet f'Artu fl-1843.

L-aħħar Gazzetta tal-Gvern li fiha nsibu miġjub isem Vitor Barzoni, bħala Editur tagħha, huwa dak il-għadd 53 li ħareġ fil-20 ta' Ottubru 1814. B'dan kollu, għalkemm isem Barzoni ma baqax jidher iżjed fil-Gazzetta, dan baqa' jaħseb għal kitba tagħha bħal qabel. Iżda billi s-Segretarju ta' l-Istat, fl-14 ta' Frar 1815, bagħat igħarraf lill-Gvernatur li jista' jitlaq l-Editur tal-Gazzetta, Barzoni kien mitluq mix-xogħol li kellu. U l-100 lira fis-sena li tawh, bdiet tgħoddlu mill-1 ta'Ġunju 1815.

*(Fadal)*

**Etnologické Materiálie z Jihozápadu U.S.A** Napsal FRANTISEK POSPISIL, Brno 1932 (Ethnological Material from the South-West of the U.S.A. by Fr. Pospisil).

Jistagħġbu l-qarrejja tagħna jaqraw imħabbar dan il-ktieb miktub bi lsien li ma jifhmux, imma jifirħu xħin ingħarrfuhom li l-kittieb talabna hu n-nifsu nsemmu l-ktieb tiegħu f'xi rivista Maltija tal-Università. U aħna lqajnieha x-xewqa tal-Professur Pospisil u għalkemm ma nifhmux kelma waħda mill-ktieb, nistgħu nieħdu xi ħjiel ta' dak li fih u tas-siwi tiegħu mill-werrej ingliż fi tmiem il-ktieb.

Imrawwem tajjeb fi għilm il-ġnus b'tagħllim u tħarriġ u bi tkixxif fuq ħafna mill-ġnus tal-Ewropa, il-Prof. Pospisil jeħodna u jmexxina f'medda art kbira ġol-lbiċ tal-Istati Uniti u jgħarrafna x'għadda minn għaliha u minn għala l-ġnus li għammru fiha mill-eqdem żmenijiet sal-lum. Jurina t-tifsila ta' dik il-art bil-wedien, bix-xmajjar, bl-iġbla, bis-siġar, bil-bhejjem, jikxef il-fdalijiet qodma ta' fuħħar midfun taħt l-art, jifli u jqis il-għamla u d-daqs tar-ras, jagħraf id-drawwiet u t-twemmin ta' dawk in-nies. U dan kollu wara safra twila f'dik l-art u bil-għajnuna ta' ħafna mużewwijiet u biblijoteki tal-Ewropa u tal-Amêrka. Il-ktieb imżejjen b'aktar minn 400 stampa li jgħinu u jħaffu ħafna l-qari.

Ftit hi magħrufa fostna din il-fergħa tal-għerf, li hi għilm il-ġnus, imma l-fejda tagħha hi mill-aqwa, għax hi tqabbadna t-triq biex nagħarfu kif inhuma nsenslin bejniethom u kif inhuma mnisslin wieħed mill-ieħor il-ġnus kollha tad-dinja, li, fl-aħħar mill-aħħar, ħarġu kollha minn nisel wieħed u minn bejta waħda fl-Asja ż-Żgħira. F'din it-triq mexa Patri Manwel Magri tagħna li ġema' b'sabar kbir ħafna ħrejjef Maltin qodma, qabbilhom bejniethom, għasar minnhom it-twemmin u d-drawwiet ta' misserijietna, xebbaħhom mal-ħrejjef u mat-twemmin ta' ġnus oħra qodma, biex ifittex il-fergħa li minnha ħiereġ il-ġens Malti.

U dan il-għerf jitfa' d-dija tiegħu fuq l-eqdem ġrajja tad-dinja. U għalhekk aħna ngħożżuh u nfaħħru l-dawk il-għorrief qalbiena li, bħal Dr. Pospisit, ma jaqtgħux qalbhom u la minn safar twil u wiegħri u l-anqas minn xogħol tqil u iebes.

P. P. SAYDON.

## KOTBA LI BGĦTULNA

GALEA A. M. *Dun Bosco Kaddis!* facċ. 128, Salesjani, 1934. Mhix ħajja ta' San Ġwann Bosco, imma ġabra ta' tagħlim għaż-żgħar, u għall-kbar ukoll, fuq il-ħedma tiegħu u tax-Xirka tiegħu, u tagħlim ieħor ta' fejda kbira għall-ħajja nisranija.

*The Teacher*, Jannar 1935.

**Tisħib**

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja waħda sold
Għal barra minn
Malta id-doppju.